Nru. 1124

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA, L-AMBJENT U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR

Noti ta' Spjegazzjoni[1]

1. Introduzzjoni

Titolu tal-Leġiżlazzjoni	**Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Promozzjoni ta' Enerġija minn Sorsi Rinnovabbli** (hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ r-"regolamenti emendatorji")
Attività li għandha tiġi regolata	L-għan prinċipali ta' dawn ir-regolamenti huwa sabiex jittrasponu d-Direttiva (UE) 2023/2413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001, ir-Regolament (UE) 2018/1999 u d-Direttiva 98/70/KE fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652, iktar 'il quddiem imsejħa d-"Direttiva emendatorja".
Entità responsabbli	Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS)

2. Taqsira u l-isfond

Dan l-eżerċizzju ta' emenda jittrasponi b'mod partikolari dispożizzjonijiet relatati maċ-ċertifikazzjoni tal-installaturi u tad-disinjaturi tat-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli, kif ukoll miżuri li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-konsumaturi, l-integrazzjoni ta' sistemi għall-ħżin tal-enerġija u s-servizzi ta' rispons għad-domanda fis-sistema tal-elettriku f'Malta.

Id-Direttiva emendatorja tintroduċi emendi estensivi għad-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (recast) (RED II), bil-għan li jitħaffef l-użu u l-implimentazzjoni tat-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli u jissaħħaħ ir-rwol tal-konsumaturi fit-transizzjoni tal-enerġija.

Fost affarijiet oħra, id-Direttiva emendatorja taġġorna l-Artikolu 18 tar-RED II fir-rigward tal-informazzjoni, it-taħriġ u l-iskemi taċ-ċertifikazzjoni għall-installaturi tat-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli. Tintroduċi wkoll dispożizzjonijiet maħsuba sabiex jiffaċilitaw l-integrazzjoni ta' sistemi għall-ħżin tal-enerġija u ta' vetturi elettriċi fis-suq tal-elettriku permezz ta' aċċess imsaħħaħ għal data operazzjonali rilevanti.

Ir-Regolamenti dwar il-Promozzjoni ta' Enerġija minn Sorsi Rinnovabbli (L.S. 545.43) diġà jistabbilixxu qafas għall-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli f'Malta. Dawn l-emendi jkomplu jsaħħu dak il-qafas billi jintroduċu dispożizzjonijiet relatati ma' skemi ta' ċertifikazzjoni għall-installaturi u d-disinjaturi ta' sistemi tal-enerġija rinnovabbli, inklużi sistemi għall-ħżin tal-enerġija u infrastruttura għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi, filwaqt li jipprovdu wkoll għall-aċċess għal informazzjoni relatata mal-batteriji meħtieġa għall-ġestjoni tal-enerġija u għas-servizzi ta' flessibbiltà.

3. Ħarsa ġenerali tal-istruttura tal-istrument

Ir-regolamenti emendatorji huma magħmula minn ħames (5) regolamenti kif ġej:

Regolament 1 – Titolu.

Regolament 2 – Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

Regolament 3 – Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

Regolament 4 – Jissostitwixxi r-regolament 46 tar-regolamenti prinċipali.

Regolament 5 - Iżid Skeda ġdida mar-regolamenti prinċipali.

1 Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni huma skont u għall-fini tal-artikolu 3(2)(ċ) u l-Iskeda III tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta).

4. Kummentarju

L-emendi introdotti b'dawn ir-regolamenti jinkludu s-segwenti:

1) Ir-regolament 2 jaġġorna d-dispożizzjonijiet dwar it-tifsir billi jintroduċi tifsiriet ġodda relatati ma' batteriji domestiċi, batteriji industrijali, l-istat taċ-ċarġ tal-batterija, l-istat tas-saħħa tal-batterija u s-set point tal-potenza tal-batterija, filwaqt li jiċċara wkoll l-applikazzjoni tat-tifsiriet li jinsabu fir-Regolamenti dwar l-Elettriku.

2) Ir-regolament 3 jintroduċi regolament ġdid 20A li jobbliga lir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) jikkoordina mal-partijiet interessati sabiex jiżgura d-disponibbiltà ta' skemi taċ-ċertifikazzjoni jew skemi ta' kwalifika ekwivalenti għall-installaturi u d-disinjaturi ta' sistemi ta' tisħin u tkessiħ rinnovabbli, sistemi fotovoltajċi solari, sistemi għall-ħżin tal-enerġija u infrastruttura għall-iċċarġjar li tippermetti rispons għad-domanda.

3) Ir-regolament 4 jintroduċi dispożizzjonijiet li jeħtieġu lill-manifatturi ta' batteriji domestiċi u industrijali jagħmlu disponibbli informazzjoni speċifikata dwar is-sistema tal-ġestjoni tal-batteriji, inklużi l-kapaċità tal-batterija, l-istat taċ-ċarġ, l-istat tas-saħħa u s-set point tal-potenza, lis-sidien tal-batteriji, lill-utenti u lil partijiet terzi awtorizzati, taħt kundizzjonijiet trasparenti u mhux diskriminatorji u skont ir-rekwiżiti applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data. Ir-regolament 4 jeħtieġ ukoll lill-manifatturi tal-vetturi jagħmlu disponibbli data relatata mal-batteriji u mal-vetturi lis-sidien u lill-utenti ta' vetturi elettriċi kif ukoll lil partijiet terzi awtorizzati, sabiex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni fis-servizzi ta' ġestjoni tal-enerġija, ta' flessibbiltà u ta' elettromobbiltà.

4) Ir-regolament 5 iżid Skeda Tmienja ġdida mal-L.S. 545.43 li tistabbilixxi l-kriterji li għandhom jissodisfaw l-iskemi taċ-ċertifikazzjoni jew l-iskemi ta' kwalifika ekwivalenti. Dawn il-kriterji jinkludu rekwiżiti relatati mal-akkreditazzjoni, il-kontenut tat-taħriġ, il-valutazzjoni prattika, l-iżvilupp professjonali kontinwu u l-kompetenzi meħtieġa għall-installaturi ta' sistemi tal-bijomassa, pompi tas-sħana, sistemi ġeotermiċi, sistemi fotovoltajċi solari, sistemi solari termiċi, sistemi għall-ħżin tal-enerġija u infrastruttura għall-iċċarġjar.

L-Iskeda tipprovdi wkoll gwida dettaljata dwar l-għarfien, il-ħiliet prattiċi u l-kompetenzi tekniċi mistennija minn installaturi ċċertifikati, sabiex jiġi żgurat li s-sistemi tal-enerġija rinnovabbli jiġu installati u miżmuma skont l-istandards tekniċi, ta' sikurezza u ta' prestazzjoni applikabbli.

L-emendi introdotti b'dawn ir-Regolamenti huma maħsuba sabiex isaħħu l-kwalità, l-affidabbiltà u l-professjonalità tas-settur tal-enerġija rinnovabbli permezz tal-istabbiliment ta' qafas strutturat għat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-installaturi u tad-disinjaturi tat-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli.

L-emendi jappoġġjaw ukoll l-integrazzjoni dejjem akbar ta' sistemi għall-ħżin tal-enerġija u ta' vetturi elettriċi fis-sistema tal-elettriku billi jiffaċilitaw l-aċċess għad-data operazzjonali meħtieġa għar-rispons għad-domanda, għall-ġestjoni tal-enerġija u għas-servizzi ta' flessibbiltà, filwaqt li jissalvagwardjaw ir-rekwiżiti applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data.

Fil-kuntest lokali, dawn il-miżuri huma mistennija jikkontribwixxu sabiex Malta tilħaq il-miri tagħha fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli u tad-dekarbonizzazzjoni billi jtejbu l-ħiliet tal-forza tax-xogħol, jappoġġjaw l-innovazzjoni teknoloġika u jippermettu parteċipazzjoni akbar tal-konsumaturi u tal-operaturi tas-suq fit-transizzjoni tal-enerġija.

5. Taqsima Konklużiva

Matul it-tħejjija ta' dawn l-emendi saru konsultazzjonijiet mar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS), mal-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma (EWA), kif ukoll ma' partijiet interessati oħra. Ġie kkonsultat ukoll l-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data fir-rigward tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-avviż legali li għandhom impatt fuq il-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti imposti fuq il-manifatturi tal-batteriji u tal-vetturi dwar l-informazzjoni u d-data relatati mal-batteriji u mal-vetturi. Ġiet ikkonsultata wkoll it-Taqsima tan-Negozji ż-Żgħar fi ħdan il-Ministeru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u l-Proġetti Strateġiċi (METP) fir-rigward tal-impatt ta' dawn l-emendi fuq l-intrapriżi żgħar u medji (SMEs).

Għal aktar informazzjoni, wieħed jista' jikkuntattja lir-REWS permezz tal-indirizz elettroniku (regulator@rews.org.mt).

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għall-istess. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

It-28 ta'Lulju, 2026

No. 1124

MINISTRY FOR ENERGY, THE ENVIRONMENT AND THE REGENERATION OF THE GRAND HARBOUR

Explanatory Notes[1]

1. Introduction

Title of Legislation	**Promotion of Energy from Renewable Sources (Amendment) Regulations, 2026** (hereinafter referred to as the "amending regulations")
Activity to be regulated	The principal aim of these regulations is to transpose Directive (EU) 2023/2413 of the European Parliament and of the Council of 18 October 2023 amending Directive (EU) 2018/2001, Regulation (EU) 2018/1999 and Directive 98/70/EC as regards the promotion of energy from renewable sources, and repealing Council Directive (EU) 2015/652, (hereinafter referred to as the 'amending Directive').
Responsible entity	Regulator for Energy and Water Services (REWS)

2. Summary and Background

The present amendment exercise specifically transposes provisions relating to the certification of installers and designers of renewable energy technologies and measures facilitating consumer participation, energy storage integration and demand response services within the Maltese electricity system.

The Amending Directive introduces extensive amendments to Directive (EU) 2018/2001 on the promotion of the use of energy from renewable sources (recast) (RED II), with the objective of accelerating the deployment of renewable energy technologies and strengthening the role of consumers in the energy transition.

Amongst other matters, the Amending Directive updates Article 18 of RED II concerning information, training and certification schemes for installers of renewable energy technologies. It also introduces provisions aimed at facilitating the integration of energy storage systems and electric vehicles into the electricity market through enhanced access to relevant operational data.

The Promotion of Energy from Renewable Sources Regulations (S.L. 545.43) already establish a framework for the promotion of renewable energy in Malta. These amendments expand that framework by introducing provisions relating to certification schemes for installers and designers of renewable energy systems, including energy storage and electric vehicle charging infrastructure, while also providing for access to battery-related information necessary for energy management and flexibility services.

3. Overview of the Structure of the Instrument

The amending regulations are made up of five (5) regulations as follows:

Regulation 1 – Citation.

Regulation 2 – Amends regulation 2 of the principal regulations.

Regulation 3 – Adds a new regulation to the principal regulations.

Regulation 4 – Substitutes regulation 46 of the principal regulations.

Regulation 5 – Adds a new Schedule to the principal regulations.

1. These Explanatory Notes are in accordance with and for the purposes of article 3(2)(c) and Schedule III of the Small Business Act (Chapter 512 of the Laws of Malta)

4. Commentary

The amendments introduced by these regulations include the following:

1) Regulation 2 updates the interpretation provisions of the principal regulations by introducing new definitions relating to domestic batteries, industrial batteries, battery state of charge, battery state of health and battery power set points, while clarifying the application of definitions contained in the Electricity Regulations.

2) Regulation 3 introduces a new Regulation 20A requiring the Regulator for Energy and Water Services (REWS) to coordinate with relevant stakeholders to ensure the availability of certification schemes or equivalent qualification schemes for installers and designers of renewable heating and cooling systems, solar photovoltaic systems, energy storage systems and demand-response-enabled charging infrastructure.

3) Regulation 4 introduces provisions requiring manufacturers of domestic and industrial batteries to make available specified battery management system information, including battery capacity, state of charge, state of health and power set points, to battery owners, users and authorised third parties under transparent and non-discriminatory conditions and in accordance with applicable data protection requirements. Regulation 4 also requires vehicle manufacturers to make available specified battery-related and vehicle data to electric vehicle owners, users and authorised third parties, thereby facilitating participation in energy management, flexibility and electromobility services.

4) Regulation 5 introduces a new Eighth Schedule in S.L. 545.43 establishing the criteria that certification schemes and equivalent qualification schemes must satisfy. These criteria include requirements relating to accreditation, training content, practical assessment, continuing professional development and the competencies required for installers of biomass systems, heat pumps, geothermal systems, solar photovoltaic systems, solar thermal systems, energy storage systems and recharging infrastructure.

The Schedule further provides detailed guidance on the knowledge, practical skills and technical competences expected of certified installers, ensuring that renewable energy systems are installed and maintained in accordance with applicable technical, safety and performance standards.

The amendments introduced by these Regulations are intended to strengthen the quality, reliability and professionalism of the renewable energy sector by establishing a structured framework for the training and certification of installers and designers of renewable energy technologies.

The amendments also support the increasing integration of battery storage systems and electric vehicles within the electricity system by facilitating access to operational data required for demand response, energy management and flexibility services, while preserving applicable data protection safeguards.

In the local context, these measures are expected to contribute to the achievement of Malta's renewable energy and decarbonisation objectives by improving workforce skills, supporting technological innovation and enabling greater participation of consumers and market actors in the energy transition.

5. Concluding Section

Consultations have been conducted between the Regulator for Energy and Water Services (REWS), the Energy and Water Agency (EWA) and other relevant stakeholders during the preparation of these amendments. The Office of the Information and Data Protection Commissioner was also consulted in regard to the relevant parts of the legal notice having a bearing on data protection issues, particularly in relation to battery and vehicle manufacturers' requirements regarding battery and vehicle information and data. The Small Business Unit within the Ministry for the Economy, Technology and Strategic Projects (METP) was also consulted in regard to the impact on SMEs.

For further information, REWS may be contacted directly through the e-mail: (regulator@rews.org.mt).

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement to it. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

28th July, 2026